Verżjoni Elettronika



**A.L. 106 tal-2023**

## ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

## Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru responsabbli għas-saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-Raba' Skeda". Kap. 464.

Jemenda r-Raba' Skeda.

**2.** It-Taqsima II tar-Raba' Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "- Kirurġi Dentali", il-partita "Assoċjazzjoni ta' Dentisti wara l-Gradwazzjoni ta' Malta" għandha tiġi mħassra; u

(b) taħt l-intestatura "- Infermieri u Qwiebel" minnufih wara l-partita "Assoċjazzjoni ta' Infermiera u Qwiebel fi Prattika Avvanzata" għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"Assoċjazzjoni Maltija tal-Infermiera u Imseħbin tal-Kura tal-Mard tas-Sistema Diġestiva".